# RIŻORSA 13

**Il-Ġenoċidju tal-Lhud**

Deskrizzjoni ta' xena fi skola fil-Ġermanja Nazista fejn għalliem jistaqsi min hu Lhudi u tifla żgħira Rita Kuhn mhijiex ċerta x'għandha twieġeb:

"L-iskola ma kinitx biss piż ta' kuljum iżda kienet ukoll il-post fejn xi tfal tgħallmu dwar l-identità "Lhudija" tagħhom skont il-liġi Nazista. Rita Kuhn, li kellha ħames snin u li missierha kien Lhudi u ommha kienet Nisranija, ma kenitx ċerta dawr ir-reliġjon tagħha. L-iskola "l-għalliem kellu jsaqsi lill-klassi kollha min hu Lhudi. Ħarist madwar il-klassi u ħadd ma għolla idu.... ma kontx verament ċerta kontx Lhudija.... għollejt idi, għaliex.... kont naf li b'xi mod kelli rabta mal-Lhud". Wara dak l-episodju, naturalment, ma kellha l-ebda ċans li tingħaqad mal-Lega ta' Bniet Ġermaniżi. Meta l-għalliem tagħha saqsa min ried jissieħeb, "Għollejt idi, għax ngħid jien, min ma jridx ikun parti minn grupp?" L-għalliem tagħha spjega, bil-ġentilezza, li ma setgħetx tappartjeni għal dak il-grupp. "Ma stajtx nifhem x'kelli ħażin", ftakret lilha nnifisha tgħid."

*Sors: Between Dignity and Despair: Jewish Life in Nazi Germany, Marion A. Kaplan, 1998*

L-esperjenza ta' Rita Kuhn f'liema sens turi l-fatt li identità xi kultant tiġi imposta fuq persuna jew fuq grupp? X'inhuma l-konsegwenzi f'dan il-każ?

**Zoos tal-bnedmin**

"Zoos tal-bnedmin" – imsejħa wkoll wirjiet etnoloġiċi – kienu fenomenu mifrux orribbli fl-Ewropa tal-Punent u fl-Amerika ta' Fuq fl-aħħar deċennji tas-seklu 19 u fl-ewwel deċennji tas-seklu 20. Dawn il-wirjiet esibew lil popli indiġeni maħkuma f'postijiet magħluqa u attiraw miljuni ta' viżitaturi.



Hekk imsejjaħ "Negro Village"



Zoo tal-bnedmin



Zoo tal-bnedmin fi Brussell, il-Belġju, 1958

*Sors: [Popular Resistance website]*

Il-prattika ta' "zoos tal-bnedmin" x'tgħidilna dwar ir-rappreżentazzjonijiet u t-trattament mill-Ewropej ta' popli kolonizzati?